**Quddiem l-Arbitru ghas-Servizzi Finanzjarji**

**Kaz Nru. 369/2016**

**MA u OA**

**("l-ilmentaturi")**

**vs**

***GlobalCapital Financial Management Ltd.***

**(C 30053) ("il-provditur tas-servizz")**

**Seduta tat-18 ta' Settembru 2018**

**L-Arbitru,**

**Ra l-ilment** fejn l-ilmentaturi fil-qosor qed jissottomettu illi huma kienu bdew ir-relazzjoni taghhom mal-provditur tas-servizz fl-2003, fejn investew f'diversi *funds.*

Fl-2008, rapprezentanti tal-provditur tas-servizz ikkuntattjaw lill-ilmentaturi fejn qalulhom li xi investimenti li kellhom kienu sejrin hazin u ahjar jaghmluhom f'investimenti ohrajn. L-ilmentaturi staqsew jekk setghux jiehdu flushom lura u l-provditur tas-servizz qalilhom li jekk jergghu jinvestuhom jippreservaw il-kapital ahjar.

Saret laqgha mal-provditur tas-servizz li offrielhom diversi investimenti izda l-ilmentaturi sahqu mieghu illi l-kapital rieduh li jkun protett u kienu interessati fi prodott fit-tul li jrendi qligh kultant zmien.

Il-provditur tas-servizz issuggerielhom il-*Lifemark SA Secure Income Bond Issue 4.* Dak il-hin l-ilmentaturi fehmu li dan il-prodott kien addattat ghalihom ghaliex fehmu li l-kapital ikun protett; l-isem kien *"Secure Income Bond"* li ta l-

impressjoni li l-kapital kien protett; u r-rapprezentant tal-provditur qalilhom, "*Ghandkom tmorru tajjeb b'dan*".

Peress li ma xtaqux riskju kbir kellhom jigu klassifikati bhala klijenti *low risk.*

Illi l-*Lifemark* kien prodott aktar addattat ghal klijenti li riedu jiehdu riskju milli ghalihom.

Illi d-dokumenti gew iffirmati b'mod skorrett mill-provditur tas-servizz ghaliex filwaqt li lilhom kien kellimhom Rodian Formosa, id-dokumenti gew iffirmati mill-*Head of Investment Sales* li ma kienx prezenti waqt il-laqgha mal-ilmentaturi. Fil-fatt, filwaqt li l-ilmentaturi iffirmaw l-*Application Form* fit-3 ta' Settembru 2008, ir-rapprezentant tal-provditur iffirma fid-19 ta' Settembru 2008.

Dan l-agir huwa zbaljat, qarrieqi u jqanqal dubju dwar il-validità tad-dikjarazzjonijiet maghmula fuq l-istess dokumenti.

Li l-investiment ma kienx jaqbel mal-profil tar-riskju taghhom.

Illi meta bdew jistaqsu lill-provditur tas-servizz dwar l-andament tal-investiment taghhom, il-provditur tas-servizz qabbad lill-ilmentaturi jikkuntattjaw lil *Keydata International* direttament ghaliex qalulhom li ma kinux responsabbli u b'hekk naqsu bhala l-provditur li kien bieghilhom il-prodott. Kellu jsegwi hu l-andament tal-prodott mal-*Keydata International.*

Meta ma rcevewx il-pagament, ippruvaw jikkuntattjaw lil *Global Capital* izda l-provditur beda jaghmilha difficli biex jitkellmu mieghu u kien jinqeda bir-*receptionist* li qaltilhom li kienet ser taghtihom aktar informazzjoni aktar 'il quddiem u li ma kellhomx ghalfejn jinkwetaw. Baqghu ma inghatawx access biex jitkellmu mal-*financial advisor* li s-soltu kienu jkellmu.

F'Jannar 2016, l-ilmentaturi ircevew l-ahhar pagament wara l-proceduri tal-likwidazzjoni tal-investiment u bhala total ircevew biss 16% tal-kapital kollu li kienu investew.

Il-provditur ma kienx biss negligenti meta pprovda s-servizz finanzjarju imma naqas li jhares l-interessi tal-klijenti u milli josserva r-regolamenti applikabbli ghall-provditur tas-servizz dak iz-zmien u rnexxielu jikkonvinci lill-ilmentaturi biex jinvestu, b'agir abbuziv, irregolari u illecitu b'atti qarrieqa sabiex jaghtu l-

kunsens taghhom u jiffirmaw l-applikazzjoni biex jinvestu f'investiment li ma kienx tajjeb ghalihom.

Li kieku l-provditur osserva x-xewqat tal-ilmentaturi li jinvestu f'investiment fejn il-kapital ikun sikur kieku ma kinux isofru dan it-telf.

Ghalhekk l-ilmentaturi qed jitolbu li jinghataw lura l-ammont originali li huma investew mal-provditur tas-servizz fil-*Lifemark SA Secure Income Bond Issue 4,* liema investiment jammonta ghal €35,000, flimkien mal-ispejjez.

**Ra r-Risposta tal-Provditur tas-Servizz:**

1. Illi preliminarjament u minghajr pregudizzju ghall-eccezzjonijiet l-ohra, t-talbiet tal-atturi in kwantu bbazati fuq responsabbiltà kontrattwali huma preskritti a tenur tal-Art. 2156 (f) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;
2. Illi preliminarjament u minghajr pregudizzju ghall-eccezzjonijiet l-ohra, t-talbiet tal-atturi in kwantu bbazati fuq responsabbiltà extra kontrattwali huma preskritti a tenur tal-Art. 2153 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;
3. Illi preliminarjament ukoll u minghajr pregudizzju ghall-eccezzjonijiet l-ohra, il-pretensjoni tal-atturi illi l-kunsens taghhom kien vizzjat rizultat tal-agir abbuziv, irregolari u illecitu u/jew b'atti qarrieqa tal-intimata, kif allegat minnhom, hija preskritta a tenur tal-Art. 1222 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;
4. Illi fil-mertu u minghajr pregudizzju ghall-eccezzjonijiet l-ohra, d-dikjarazzjoni tal-atturi fl-ilment taghhom illi s-socjetà intimata kienet negligenti meta pprovdiet is-servizz finanzjarju lill-atturi u li uriet nuqqas ta' attenzjoni lejn l-atturi klijenti taghha hija infondata fil-fatt u fid-dritt;
5. Illi fil-mertu u minghajr pregudizzju ghall-eccezzjonijiet l-ohra, s-socjetà intimata ma naqsitx milli tosserva r-regolamenti applikabbli ghall-provdituri tas-servizzi finanzjarji fil-konfront tal-atturi kif allegat fl-ilment taghhom;
6. Illi fil-mertu u minghajr pregudizzju ghall-eccezzjonijiet l-ohra, s-socjetà intimata tichad bl-aktar mod kategoriku l-allegazzjonijiet tal-atturi li l-kunsens taghhom kien moghti rizultat tal-agir abbuziv, irregolari u illecitu

u b'atti qarrieqa tal-intimata, liema allegazzjonijiet huma kompletament infondati fil-fatt u fid-dritt;

7. Illi fil-mertu u minghajr pregudizzju ghall-eccezzjonijiet l-ohra, it-talbiet tal-atturi huma infondati fil-fatt u fid-dritt in kwantu s-socjetà intimata mhux responsabbli ghal ebda telf jew dannu li setghu gew sofferti mill-atturi, la minhabba xi nuqqas ta' osservazzjoni tar-regolamenti, la minhabba xi komportament negligenti u/jew agir abbuziv, irregolari u/jew illecitu, la minhabba atti qarrieqa u lanqas minhabba xi komportament iehor kif allegat fl-ilment taghhom u, ghalhekk, is-socjetà intimata ma ghandhiex tigi kkundannata thallas l-ebda ammont in linea ta' telf, dannu jew reintegrazzjoni lill-atturi u l-pretensjonijiet tal-atturi ghandhom jigu respinti;
8. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjez ta' dawn l-istanzi ghandhom jigu sopportati mill-atturi.

**Sema' lill-partijiet**

**Ra l-atti kollha tal-kaz**

**Jikkonsidra**

**Eccezzjonijiet Preliminari:**

L-ewwel tlett eccezzjonijiet jirrigwardjaw il-preskrizzjoni u l-provditur jikkwota l-Artikoli 1222, 2153 u 2156(f) tal-Kodici Civili.

Dwar il-preskrizzjoni a bazi tal-Artikolu 1222(1) tal-Kodici Civili, il-ligi tipprovdi li:

*"L-azzjoni ghal rexxissjoni minhabba vjolenza, zball, ghemil doluz, stat ta' interdizzjoni, jew nuqqas ta' età, taqa' bil-preskrizzjoni eghluq sentejn (2). Dan jghodd ukoll ghar-rexxissjoni ta' obbligazzjonijiet minghajr kawza, jew maghmulin fuq kawza falza."*

Din il-preskrizzjoni ma tapplikax ghal dan il-kaz ghaliex mhux qed issir talba ghal rexxissjoni ta' obbligazzjoni minhabba vjolenza, zball, ecc., kif jindika dan l-artikolu tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

Għalhekk din l-eċċezzjoni qed tiġi miċħuda.

Dwar l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni a bazi tal-Artikolu 2153 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta, irid jinghad li r-relazzjoni bejn il-partijiet hija wahda kuntrattwali kif jirrizulta ampjament mill-*File Note*, u mill-fatt li l-provditur tas-servizz kien qed jaghti parir u jbiegh prodott finanzjarju lill-ilmentaturi; u jidher b'mod car li nholqot din ir-relazzjoni kuntrattwali bejn il-partijiet f'ambitu ta' tranzazzjoni kummercjali bejn konsumaturi u provditur tas-servizz fil-qasam tas-servizzi finanzjarji liema provditur kien licenzjat mill-*MFSA* biex joffri dan is-servizz.

Il-preskrizzjoni akkwiljana tista' tigi invokata biss fejn l-obbligazzjoni tkun indipendenti minn xi forma ta' relazzjoni kuntrattwali kif deciz f'diversi sentenzi tal-Qrati taghna, fosthom, fis-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili fl-ismijiet: ***Roland Darmanin Kissaun vs GlobalCapital Financial Management Ltd*. deciza fl-1 ta' Gunju 2017.**

Ghalhekk din l-eccezzjoni hija insostenibbli.

Dwar l-eccezzjoni a bazi tal-Artikolu 2156 (f) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta irid jinghad li l-provditur tas-servizz ma gab l-ebda prova lanqas dwar din l-eccezzjoni. L-uniku xhud tal-provditur tas-servizz kien Michael Schembri, li fl-*affidavit* tieghu u fil-kontroezami quddiem l-Arbitru ma jsemmi xejn dwarha. L-unika referenza ghall-preskrizzjoni li ssir mill-provditur tas-servizz hija fin-nota ta' sottomissjonijiet tieghu,[1] li fiha innifisha mhi l-ebda prova u, ghalhekk, l-Arbitru jista' jichadha u jieqaf hawn ghaliex min iressaq l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni irid jippruvaha u dan il-provditur tas-servizz ma ghamlux.

Imma ghal kull *buon fini* anke dak li jintqal fin-nota ta' sottomissjonijiet ma jregix ghaliex jindika l-perjodu li minnha ghandha tghodd il-preskrizzjoni mid-data "*tal-inkontru bejn ir-rapprezentant tas-socjetà intimata u l-ilmentaturi u, cioè, mit-3 ta' Settembru 2008.*"[2]

Kif digà kellu okkazzjonijiet ohra jispjega l-Arbitru, dan huwa insostenibbli u illogiku. Kieku l-ilmentaturi jiehdu passi legali mid-data tal-inkontru mal-provditur tas-servizz, dan jakkuzahom b'intempestività, jekk mhux ukoll, b'vessatorjetà ghaliex hadd ma jkun jaf kif ser ikun l-andament tal-prodott. Hu

[1] A Fol 327 et seq
[2] *Ibid.*

prezunt li l-partijiet ikunu qed jagixxu ma' xulxin in *buona fede* u hadd ma jista' jfittex lil hadd kapriccjozament. F'dan il-qasam tas-servizzi finanzjarji ma jistghux japplikaw normi li japplikaw ghal oqsma ohra ghax, specjalment f'kazi ta' investiment ta' flus, hafna drabi z-zmien jurik jekk l-investiment ikunx sar tajjeb jew le u, normalment, meta l-prodott ma jkunx sejjer tajjeb.

Irid jinghad ukoll li f'dan il-kaz, il-provditur tas-servizz baqa' jibghat ic-cekkijiet ta' hlas sa Jannar 2016,[3] u kien proprju f'dik id-data li informa lill-ilmentaturi li dak kien l-ahhar hlas. Il-pagamenti li saru anke f'dati qabel, jekk xejn, interrompew kwalunkwe preskrizzjoni li seta' kien hemm.

Barra minn hekk, fl-ittri li kien jibghat il-provditur tas-servizz lill-ilmentaturi kien izommhom imdendlin billi jghidilhom li kien qed ikompli jsegwi zviluppi dwar il-kaz ghan-nom taghhom.[4] Ikun att zlejali, jekk mhux ukoll ta' *malafede*, li l-ewwel provditur tas-servizz iwieghed lill-klijent li ser ikompli jindaga dwar l-ezitu tal-prodott u, imbaghad, jecepixxi l-preskrizzjoni li skont hu ghandha tapplika minn ferm qabel.

Ghal dawn ir-ragunijiet l-Arbitru qed jichad l-eccezzjonijiet dwar preskrizzjoni.

**Fil-MERTU**

**L-Arbitru jrid jiddeciedi dan l-ilment b'referenza ghal dak li fil-fehma tieghu huwa gust, ekwu u ragonevoli fic-cirkostanzi partikolari u merti sostantivi tal-kaz.[5]**

**Il-Verzjoni tal-Ilmentaturi**

L-ilmentaturi jsostnu li wara li kienu bieghu bicca art riedu jinvestu l-flus x'imkien sabiex ikollhom introjtu. Kienu kellmu lil certa Lorraine, li kienet tahdem mal-provditur tas-servizz, u din investitilhom flushom f'diversi prodotti u, minkejja li huma qalulha li minnhom iridu li jkollhom introjtu, dawn l-investimenti li nvestitilhom fihom qatt ma tawhom xi forma ta' dhul. Huma qatt ma kienu investew qabel ma marru ghand il-*GlobalCapital.* L-unika haga li kienu jircievu kien xi haga mil-*Lloyds.*

---

[3] A Fol 303
[4] A Fol 299, 301
[5] Kap. 555, Art 19(3)(b)

Fit-3 ta' Settembru 2008, ikkuntattjawhom mill-*GlobalCapital* u qalulhom li l-investimenti kienu sejrin lura u ahjar ipoggu flushom f'investiment ahjar.

L-ilmentaturi talbu li jiehdu flushom lura izda l-provditur tas-servizz qalilhom li jekk jaghmlu hekk kienu jitilfu €10,000. Mentri jekk jergghu jinvestuhom hemm cans kbir li jippreservaw il-kapital ahjar.

Il-konsulent finanzjarju tal-provditur kien Rodian Formosa, li kienu jafuh ghaliex kien gar taghhom u qalulu li riedu investiment li jkollu l-kapital garantit, ikun fit-tul u jrendi dhul kultant zmien. Sahqu ma' Formosa li l-kapital riduh garantit u hu offrielhom il-*Lifemark Secure Income Bond.* Huma anke l-isem tahom x'jifhmu li kien garantit u Formosa qalilhom li kellhom imorru tajjeb bih.

Ghalkemm kienu ffirmaw l-*Application Form* fit-3 ta' Settembru 2008, din ma iffirmahiex Rodian Formosa, izda iffirmaha xi haddiehor fid-19 ta' Settembru 2008, u dan ma kienx prezenti waqt il-laqgha ghax huma kellhom x'jaqsmu biss ma' Rodian Formosa.

Jghidu wkoll li huma qatt ma inghataw dokumenti u lanqas biss kienu jafu fejn marru flushom. Kien biss fl-2014, li inghatatilhom kopja tal-*Application Form* u tal-*File Note* u dawn ghaliex ghamlu ilment bil-miktub lil *GlobalCapital*. Hafna mid-dokumenti li gew iffirmati mill-ilmentaturi kienu digà mimlija minn qabel mill-konsulent finanzjarju tal-provditur li qatt ma spjegalhom x'fihom u ghal xiex kienu qed jiffirmaw.

Bdew jiricievu xi cekkijiet wara li gew infurmati li kienet qed issir likwidazzjoni tal-investiment u l-ahhar pagament ircevewh f'Jannar 2016. Meta ircevew din l-ittra tal-ahhar bdew jaghmlu minn kollox biex jikkuntattjaw lill-provditur tas-servizz, u anke marru fizikament l-ufficcju u, ghalkemm talbu jiltaqghu ma' xi *Manager* jew ikellmu lil Rodian Formosa, ir-*Receptionist* kienet tghidilhom li ser tibghatilhom l-informazzjoni hi u ma kellhomx ghalfejn jinkwetaw. Qaltilhom li l-*fund* baqa' l-istess u li kienu ser jibaghtulhom aktar informazzjoni.

Kien hawn li kellmu lill-Avukat biex jaghmlu ilment quddiem l-Arbitru.[6] L-ilmentatrici, OA, ikkonfermat dan kollu fl-*affidavit* taghha.[7]

---

[6] A Fol 109-112 *Affidavit* ta' MA
[7] A Fol 95-98

**Il-Verzjoni tal-Provditur tas-Servizz**

L-uniku xhud li gab il-provditur tas-servizz kien Michael Schembri, li ma kienx involut fil-bejgh ta' dan il-prodott izda xehed mill-*file* li sab. Huwa qal li l-provditur tas-servizz kien agixxa ta' intermedjarju u mhux bhala principal u ezekwixxa ordni ta' haddiehor. Jibbaza l-kaz fuq il-*File Note* tat-3 ta' Settembru 2008, (DOK E), u jghid li din kienet xhieda ta' dak li gara meta inghata s-servizz u din kienet fi *standard form* kif anke permess mill-*MFSA*. Jghid li din kienu jzommuha ghal ragunijiet regolatorji u interni. Jghid li l-ilmentaturi kienu midhla tal-investimenti finanzjarji u digà kellhom prodotti ohra tal-investiment u jghid li dawk kellhom *"risk factors"*.

A bazi tal-*File Note* jghid li l-provditur tas-servizz kien indika diversi prodotti lill-ilmentaturi u li saret spjegazzjoni dwar il-prodott *Lifemark* mertu tal-ilment u gew spjegati r-riskji abbinati mieghu, u bil-firma taghhom fuq dan id-dokument l-ilmentaturi iddikjaraw li kienu jafu li l-investiment jista' jitla' u jinzel u li jistghu jirkupraw anqas mis-somma investita kif ukoll li l-passat mhux garanzija tal-futur.

Jghid li mil-likwidazzjoni l-ilmentaturi ircevew is-somma ta' €5,434.62, skont dokumenti MS10 sa MS14. Fiz-zmien li sar l-investiment, l-*SIB* ma kienx meqjus bhala wiehed soggett ghal riskju gholi.[8]

**Il-Prodott**

Dan il-prodott, il- *Keydata International Secure Income Bond* (***SIB***),[9] kien ibbazat fuq negozju fil-pensjonijiet dwar il-hajja fis-suq Amerikan. Min hareg dan il-prodott ippronunzja ruhu bl-aktar mod enfatiku u b'tipa kbira li jaghti qligh ta' 7.5% kull sena fl-iSterlina u 7% fis-sena fid-Dollaru u l-Ewro ghall-perjodu ta' hames snin.

L-*SIB* kien investiment tal-kategorija *asset-backed securities.* Minghajr ma wiehed joqghod jidhol fid-dettall tal-istruttura legali (u kumplikata tieghu), l-*SIB* kien jinvesti f'*bonds* (*security bonds*) li l-assi *underlying* taghhom kienu poloz tal-assikurazzjoni fuq il-hajja ta' individwi Amerikani.

---

[8] A Fol 124-125

[9] Dan il-prodott huwa indikat fuq il-*File Note* bhala *Lifemark SA Secure Income Bond Issue 4*. Il-*brochure* gieipprezentat a fol 54-61

Dan il-prodott, fost affarijiet ohra, falla ghaliex l-analizi tal-aspettattiva tal-hajja/mewt tal-*life-assured* ma kinetx korretta. Aktar ma wiehed idum haj, aktar irid idum ihallas *premium* biex il-polza tibqa' hajja inkella titlef fil-valur. Dan johloq problema ta' likwidità biex tkompli ssostni finanzjarjament il-mudell kompost minn diversi poloz ta' assikurazzjoni fuq il-hajja.

Dan kien riskju li hafna analisti ma tawx kazu. Imma kien, fil-fatt, aspett importanti hafna. Minhabba l-avvanzi fil-medicina, hafna nies jibqghu jghixu ghal zmien itwal u b'hekk il-*premium* irid idum jithallas ghal numru ta' snin aktar.

**Jekk l-analisti u nies professjonali li kellhom esperjenza biex janalizzaw dawn il-prodotti ma waslux ghal dan, allura, lanqas wiehed jistenna li *retail investors,* bhalma huma l-ilmentaturi, kellhom ikunu f'qaghda li jaghmlu dan.**

**Apparti l-fatt ukoll li l-isem *SECURE INCOME BOND* jaghti lill-investitur bla esperjenza f'dawn it-tip ta' prodotti x'jifhem li l-investiment huwa wiehed sikur u bla riskji, jew riskji baxxi u limitati.** Dan anke xehduh l-ilmentaturi odjerni.

Jekk wiehed ihares lejn il-*brochure* tipiku tal-*SIB* jara li mal-ewwel faccata, bi prominenza kbira, hemm rati tajba ta' dhul (*Annual Income Over 5 Years*), ritratt kbir ta' *lighthouse (*simbolu tas-sigurtà) u b'indikazzjoni ta' x'inhuma l-beneficcji u l-kwalità tal-prodott:

*"Aims to provide return of capital after 5 years:*

*Bond invests in cash and assets by institutions rated 'A' or better by Standard and Poor's or equivalent;*

*Quarterly income option available".*

Ghalkemm fl-istess *brochure* jissemma li jista' jkun hemm xi riskju ghall-kapital, u jista' jkun hemm xi tnaqqis fl-ahhar jew jekk tigbed l-investiment qabel, però, l-enfasi qieghda fuq il-beneficcji li kien joffri dan il-prodott.

Taht it-titolu[10] ***Benefits at a Glance*** hemm dan it-test**:**

**"***> Early investment bonus of 4%*

[10] Pagna 5 tal-*brochure*, a fol 56

*> An investment with NO Stock Market Exposure*

*> Investing in cash and assets issued by institutions rated 'A' or better by Standard & Poor's or equivalent*

*> Available via banks, stockbrokers and direct investment*

*> Low minimum investment – Only GBP10,000 / USD20,000 / €10,000*

*> The bond will be listed on the Luxembourg Exchange*

*> The issue is regulated and authorised by the CSSF the Financial Regulator in Luxembourg."*

- Hemm ukoll dan b'tipa kbira:

  ***"A lower risk profile and a higher level of income allows you to receive the income you need without the worry of stock market falls."***[11]

Il-prodott kellu r-riskji – il-kapital ma kienx garantit, u kif kien se jmur kien pjuttost ibbazat fuq il-*performance* ta' prodotti ohra simili ta' dak iz-zmien, apparti l-mudelli matematici u l-*assumptions* li jigu ma' dawn il-mudelli.

Ir-riskji kif deskritti forsi kienu jaghtu l-impressjoni li ma kinux ivarjaw wisq minn uhud mill-prodotti l-ohra ta' investiment li forsi kienu qed jigu offruti lil investituri ohra. Il-prodott fl-ebda mument ma kien iwieghed protezzjoni assoluta ghall-kapital.

Però, ma jistax jitqies li dak iz-zmien li nbiegh l-*SIB*, kien investiment b'riskju baxx. Anzi, kien investiment **f'kategorija ta' riskju medju ghal riskju gholi.**

Dan mhux qed jinghad *with the benefit of hindsight*, imma ghaliex in-natura tal-prodott – li jinvesti f'*bonds* li jinvestu f'poloz tal-assikurazzjoni fuq il-hajja – u l-istruttura innifisha tal-investiment kienu jaghmlu l-*SIB* investiment riskjuz li ma kienx addattat ghal *retail investors* kif kienu l-ilmentaturi.

Dawn it-tip ta' investimenti huma *Asset-Backed Securities* li huma prodotti kumplessi u ta' riskju gholi.

[11] *Ibid.*

Meta l-*MFSA*, li hija r-regolatur f'dan il-qasam, rat li kienu qed jinbiegħu prodotti li huma *Asset-Backed Securities* bhal dan il-prodott, interveniet billi harget: *Warning to prospective investors about Asset-Backed Securities*[12] bhalma hu l-*SIB*, fejn qalet:

*"The Malta Financial Services Authority (MFSA) has come across local media adverts, reports and product documentation about investments in 'bonds' or 'fund acccounts' whose performance is linked to assets, such as life insurance policies or currencies (referred to as asset-backed investments). By their very nature, these investments are not easy to understand.*

*Despite the fact that they may be promoted as 'alternative' to traditional or conventional investments, these are investment opportunities which involve substantial risks, in particular liquidity risks, whereby the investor may be unable to sell his investment…….."*

*"When it comes to redemption (selling) of these investments, these…restrict the investor from selling his holdings before the investment matures…"*

***"Consumers should be aware that the characteristics of these products make them unsuitable for unsophisticated investors. These products are generally considered appropriate for investors who have experience and knowledge to understand how these financial instruments work and can afford to take the relevant risks."***

Barra minn hekk, il-Prim'Awla tal-Qorti Civili fis-sentenza fl-ismijiet ***Evelyn Farrugia et vs GlobalCapital Financial Management Unit Ltd*. deciza fil-11 ta' Lulju 2016,** qalet hekk dwar dawn it-tip ta' prodotti:

*"Hu minnu illi ma jfissirx li investment li jkun sigur, dan ma jistax ifalli xorta, izda investiment f'kumpaniji ta' life insurances ma jistghux jitqiesu bhala investimenti*

*siguri ghall-ahhar. Il-Qorti tirreferi ghal dak li jghid f'artikolu ppubblikat fl-14 ta' Frar 2014, il-Financial Conduct Authority tar-Renju Unit li jitkellem fuq traded life policy investments kif jidher li kien kostitwit dan il-fund. Jintqal hekk:*

[12] *MFSA Consumer Media Release* 13/11/2009 (ref. 05/2009)

*“Traded life policy investments (TLPIs), which are sometimes called 'death bonds' - are complicated products generally unsuitable for the mass retail market.*

*They are also known as 'death bonds' because the ultimate investment is in life assurance policies, typically of US Citizens. Investors hope to benefit by buying the right to the insurance payouts upon the death of the original policyholders.*

*They are sometimes also known as 'traded life settlements' or 'senior life settlements'.*

*TLPls may pay a regular income or can aim to grow in value over time. Most death bonds are sold as unregulated collective investment schemes (UCIS), but some take other legal forms.*

*Our review of sales in the TLPI market revealed high levels of unsuitable advice. We are worried that this market could grow and cause further customer losses in the future.*

*As a result, we have recommended that these products should not reach ordinary retail investors in the UK. This would mean that firms should not be marketing, recommending or selling these products to the mass retail market.”*

Huwa minnu li dan l-i*statement* hareg wara l-bejgh tal-prodott *de quo* imma dak li qalu kemm l-*MFSA* u kif ukoll il-*Financial Conduct Authority* tar-Renju Unit juri x’tip ta’ investiment kien l-*SIB* li kien *asset-backed security* ibbazat fuq *TLPI’s.*

**Kif inbiegh dan il-Prodott u jekk kienx *suitable* ghall-Ilmentaturi**:

Il-provditur tas-servizz jghid li l-ilmentaturi kienu investituri tal-esperjenza ghaliex kellhom diversi investimenti ohra li whud minnhom kienu anke “*high risk”* u jelenka l-investimenti li kellhom.

Minn ezami li ghamel l-Arbitru tal-investimenti pprezentati mill-provditur tas-servizz li jghid li kienu tal-ilmentaturi, l-Arbitru jinnota li dawn kienu kollha investimenti ghal *“retail clients”* u huma kollha *“plain vanilla”,* u ma jixbhu xejn lil *SIB* li bhala *asset-backed security*, anke skont kliem l-*MFSA,* ma kellux jinbiegh lil *retail clients* li ma setghux jifhmu d-dinamika tieghu.

Il-provditur tas-servizz ma jikkontestax dak li qalu l-ilmentaturi li dawn l-investimenti kienu mibjughin lilhom mill-provditur tas-servizz *de quo* u li qatt ma dahhlu xejn minnhom hlief ghal xi dhul minn fuq l-investiment fil-*Lloyds*.

Huwa sintomatiku f'dan il-kaz li ghalkemm Rodian Formosa, li kien hu li ghamel l-investiment odjern lill-ilmentaturi, u li meta xehed Michael Schembri kien ghadu jahdem mal-provditur tas-servizz, ma ngabx bhala xhud. Hadd daqsu ma seta' jghid kif sehhet it-tranzazzjoni. Michael Schembri ma kienx prezenti waqt din it-tranzazzjoni u ibbaza kollox fuq il-*File Note*. Mistoqsi in kontroezami jekk kienx kellem lil Rodian Formosa fuq il-kaz, qal li ma kienx kellmu.

Però, xehed li din il-*File Note* kienet tinzamm ghal ragunijiet regolatorji; jghid ukoll li kienet fi *standard form* u dan kien permess mill-*MFSA*.

L-Arbitru ma jsib l-ebda diffikultà b'dokumenti fi *standard form* basta dawn ikunu f'lingwagg li jinftiehem mill-konsumaturi ta' servizzi finanzjarji, ikunu jistghu jinqraw facilment u ma jkunux jikkonsistu biss fi klawsoli ta' ezoneru ghal min jikkomponihom. Fuq kollox, m'ghandhomx ikunu dokumenti zbilancjati galadarba min jikkomponihom iqishom bhala kuntratti li jorbtu lill-partijiet li jiffirmawhom.

L-Arbitru ghandu riservi serji dwar din il-*File Note* tat-3 ta' Settembru 2008, ghal dawn ir-ragunijiet.

Qabel xejn, kif xehed l-ilmentatur mhux kontradett, din il-*File Note* ma tirrapprezentax ezattament dak li gara, jekk xejn, ghaliex filwaqt li l-pariri gew moghtija lilhom u l-prodott inbiegh minn Rodian Formosa, din giet iffirmata minn haddiehor li fl-istess *File Note* jghid li iltaqa' mal-ilmentaturi Ta' Xbiex u jsemmi li l-klijenti gew infurmati dwar diversi prodotti, ecc. Dan ma kienx minnu ghaliex min iffirma din il-*File Note* ma kienx prezenti waqt il-laqgha.

L-ilmentaturi xehdu li huma tkellmu biss ma' Rodian Formosa u ma' hadd aktar. Din ix-xhieda taghhom m'hijiex kontradetta u l-provditur, li kellu l-opportunità jtella' bhala xhud lil Rodian Formosa, jew lil min iffirma din il-*File Note* u jghid verament x'gara, dan m'ghamlux anzi lanqas indenja ruhu jkellem lil Rodain Formosa.

Ghalhekk dak li qal Michael Schembri fl-*affidavit* tieghu, li l-*File Note* tirrapprezenta dak li gara waqt il-laqgha, ma jistax ikun sostnut mill-istess *File Note* iffirmata minn persuna differenti minn dik li kienet prezenti waqt il-laqgha.

Dan id-dokument - maghmul b'tipi irqaq li bilkemm jistghu jinqraw - gie mghoddi lill-ilmentaturi sempliciment biex jiffirmawh tant li l-ilmentaturi xehdu bil-gurament taghhom li ma inghatawx kopja tieghu u lanqas gie moqri lilhom. Huma fdaw lil Rodian Formosa u ffirmaw id-dokumenti ghaliex kienu jafuh u tawh il-fiducja taghhom.

Dan is-servizz ta' investimenti finanzjarji jiddependi hafna fuq il-fiducja ghaliex hafna mill-investituri li jkunu qed jinvestu l-flus ta' hajjithom ihallu f'idejn l-*expertise* tal-konsulent finanzjarju u jistennew li dik il-fiducja tigi rritornata lura lilhom billi bhal f'kull kuntratt iehor tirrenja l-*buona fede.*

Din il-*File Note* u l-*Application Form* ma gewx iffirmati fl-istess jum li iffirmawhom l-ilmentaturi fit-3 ta' Settembru 2008, izda sittax-il jum wara fid-19 ta' Settembru 2008. Dak li qalu l-ilmentaturi, li ma ffirmax Rodian Formosa u li sempliciment ressqilhom id-dokumenti ghall-firma, johrog mid-dokumenti innifishom ghaliex jidher car li ffirma haddiehor.

Il-verzjoni li taw l-ilmentaturi bil-gurament taghhom hija aktar kredibbli u ko-erenti milli dak li qal il-provditur tas-servizz, li bbaza l-kaz tieghu fuq il-*File Note* li qajmet ferm aktar dubji dwar il-veracità taghha milli sservi bhala prova ta' dak li verament gara.

M'hemmx dubju li n-negozju sar bejn konsumaturi u kummercjant u, ghalhekk, ghal din il-*File Note* u d-dokumenti l-ohra ta' natura kuntrattwali japplika l-Kapitlu 378 tal-Ligijiet ta' Malta li, fost affarijiet ohra, jipprovdi li:

***"47. (1) F'kuntratt li jsir mal-konsumatur, fejn l-espressjonijiet kollha jew x'uhud minnhom li jkunu offruti minn kummercjant lil konsumatur jkunu bil-miktub, dawk l-espressjonijiet ghandhom jinkitbu b'lingwa kif ordinarjament mitkellma u intelligibbli li tista' tiftiehem mill-konsumaturi li l-kuntratt ikun indirizzat lejhom."***

Ma jistax jinghad li dan sar f'dan il-kaz ghax il-*File Note* hija b'lingwagg li l-ilmentaturi ma setghux jifhmu u kienet biss ezercizzju ta' ittikkjar ta' kaxxi u, skont ma xehdu l-ilmentaturi mhux kontradetti, dan id-dokument kien mimli

minn qabel u ma nqrax lilhom. Ghalhekk ma jistax jitqies li hu mera ta' dak li effettivament gara waqt it-tranzazzjoni kif jghid il-provditur tas-servizz.

Is-servizz li inghataw l-ilmentaturi kien wiehed ta' parir (*advisory service*)[13] u, ghalhekk, skont ir-Regolamenti[14] li kienu jorbtu lill-provditur tas-servizz kellu jsir *suitability test* tal-ilmentaturi. Regola 2.13 tghid hekk:

"*When providing **investment advice or portfolio management services**,[15] the Licence Holder shall obtain the necessary information, in accordance with SLCs 2.16 to 2.20 and SLC 2.22 to 2.24 regarding the client's or potential client's knowledge and experience in the investment field relevant to the specific type of product or service, his financial situation and his investment objectives so as to enable the Licence Holder to recommend to or, in the case of portfolio management, to effect for the client or potential client, the Investment Services and Instruments that are suitable for him.*"

Imbaghad, Regola 2.16 li tistabbilixxi dan is-*suitability test* tghid hekk:

"*The Licence Holder shall obtain from clients or potential clients, such information as is necessary for the Licence Holder to understand the essential facts about the client and to have a reasonable basis for believing, giving due consideration to the nature and extent of the service provided, that the specific transaction to be recommended, or entered into in the course of providing a portfolio management service, satisfies the following criteria:*

*a. it meets the investment objectives of the client in question;*

*b. it is such that the client is able financially to bear any related investment risks consistent with his investment objectives;*

*c. it is such that the client has the necessary experience and knowledge in order to understand the risks involved in the transaction or in the management of his portfolio.*"

---

[13] A Fol 64

[14] *Investment Services Rules for Investment Services Providers, PART B: Standard Licence Conditions (SLC)*

[15] *Bold* tal-Arbitru

Ghalhekk il-provditur tas-servizz kellu jara li l-ilmentaturi kellhom "*knowledge and experience in the investment field* ***relevant to the specific type of product***[16] *or service, his financial situation and his investment objectives so as to enable the Licence Holder to recommend…….*"

Il-provditur tas-servizz ma gabx prova li l-ilmentaturi kellhom l-esperjenza biex specifikament jinvestu fl-*SIB*. L-investimenti li kellhom u li kien bieghomlhom hu stess kienu *retail investments* differenti mill-*SIB* u, ghalhekk, ma setghux jakkwistaw dik l-esperjenza sabiex jifhmu prodott kumpless bhall-*SIB* li kien *asset-backed security* u jinvesti f'*life policies* Amerikani u li ma kellux jinbiegh lil *retail clients* bhall-ilmentaturi.

Barra minn hekk, is-*suitablity test* kellu jissodisfa dawn il-kriterji:

*a. it meets the investment objectives of the client in question;*

*b. it is such that the client is able financially to bear any related investment risks consistent with his investment objectives;*

*c. it is such that the client has the necessary experience and knowledge in order to understand the risks involved in the transaction or in the management of his portfolio"*

Dwar l-ewwel kriterju l-ilmentaturi xehdu li huma enfasizzaw ma' Rodian Formosa li ma riedux jissugraw bi flushom u riedu prodott li jkollu l-kapital garantit. Dan huwa korroborat anke mill-*KYC* fejn l-istess provditur li mela l-formola nizzel li l-ilmentaturi kienu:

"*relatively cautious but don't mind a small risk*".[17]

Mill-analizi tal-prodott u anke mill-istess *brochure* tieghu jirrizulta li l-*SIB* ma kienx prodott b'riskju baxx u ma kienx jiggarantixxi l-kapital - haga li l-provditur tas-servizz kellu l-obbligu li jispjega - u wkoll skont ix-xhieda tal-ilmentaturi, dan m'ghamlux. Ghalhekk dan il-prodott ma kienx jilhaq l-objettivi ta' riskju kawt li kellhom l-ilmentaturi anke kif ammess mill-provditur tas-servizz fil-*KYC*.

---

[16] *Bold* tal-Arbitru
[17] A Fol 67

It-tieni kriterju huwa li l-ilmentaturi setghu igorru l-piz tal-investiment dejjem konsistenti mal-objettivi taghhom tal-investiment. Il-*KYC* turi li l-ilmentaturi ma kellhomx proprjetà u li kellhom investiti f'*bank deposits* Lm10,000. Ghalhekk kien gudizzju mhux meqjus dak tal-provditur tas-servizz li jinvesti s-somma qawwija ta' €35,000 lill-ilmentaturi fi prodott wiehed meta jitqies x'kienu jippossjedu.

It-tielet kriterju jirrigwardja li: "*the client has the* ***necessary experience and knowledge in order to understand the risks involved in the transaction."***

Jekk wiehed ihares lejn il-profil tal-ilmentaturi jara li l-ilmentatur kien *handy man* u l-ilmentatrici mara tad-dar. Apparti dan, qatt ma kellhom investimenti bhal *SIB* u l-fatt li l-provditur kien ghamlilhom xi investimenti qabel fi prodotti differenti u semplici m'ghamilhomx "*experienced"* u "*knowledgeable*" biex jifhmu r-riskju u l-komplikazzjonijiet li kien fih l-*SIB* ibbazat fuq kalkoli u previzjonijiet matematici u, ghalhekk, in-natura tal-prodott fih innifsu ma setghetx twassal lill-ilmentaturi jifhmu r-riskji involuti f'dik it-tranzazzjoni li kienu qeghdin jaghmlu. Aktar u aktar meta l-provditur tas-servizz assigurahom li kellhom imorru tajjeb b'dan il-prodott.

Ghalhekk il-provditur tas-servizz ma ssodisfax ir-rekwiziti tar-Regoli 2.13 u 2.16 li kien marbut bihom.

Fuq kollox, ma segwiex ir-Regola[18] ewlenija li tghid:

*"When providing Investment Services to clients, a Licence Holder shall act honestly, fairly and professionally in accordance with the best interests of its clients and shall comply with the relevant provisions of the Act, the Regulations issued thereunder…"*

Dawn ir-Regoli kellhom l-intenzjoni li jaghtu protezzjoni lill-investitur u skont l-Artikolu 19(3)(c) tal-Kap. 555, huma wiehed mis-sorsi normattivi li jista' jqis l-Arbitru biex jara jekk l-ilment huwiex wiehed gust, ekwu u ragonevoli.

Mill-assjem tal-provi jirrizulta lill-Arbitru li dan il-prodott ma kienx addattat (*suitable)* ghall-ilmentaturi u, ghalhekk, inghata parir hazin u sar bejgh hazin fil-konfront taghhom.

[18] *SLC 2.01*

Barra minn hekk, ma lahaqx l-aspettattivi ragonevoli u legittimi taghhom;[19] u l-provditur tas-servizz ma agixxiex ta' missier tajjeb tal-familja kif kellu kull obbligu li jaghmel. Ma raddx lura dik il-fiducja li tawh l-ilmentaturi meta fdaw flushom f'idejh u kien irresponsabbli meta nvesta somma daqshekk kbira fi prodott wiehed u ma ferrixx ir-riskju kif inhuwa mistenni minn provditur tas-servizz professjonali.

Barra minn hekk, meta nqalghu il-problemi dwar il-prodott, flok ghinhom, beda jiskartahom billi lanqas bdew jinghataw access ikellmu lil xi hadd responsabbli izda setghu ikellmu biss lir-*Receptionist.*

**Ghal dawn ir-ragunijiet kollha l-Arbitru jiddeciedi li l-ilment huwa wiehed gust, ekwu u ragonevoli fic-cirkostanzi partikolari tal-kaz u qed jilqghu sakemm dan huwa kompatibbli ma' din id-decizjoni.**

**F'kaz ta' bejgh hazin ta' prodott il-kumpens li ghandu jinghata lill-ilmentatur ghandu, kemm jista' jkun, ikun dak li originarjament investa imnaqqas minnu kwalunkwe rikavat li jkun ircieva. L-ilmentaturi investew is-somma ta' €35,000,[20] u rcevew l-ammont ta'€5,433.71.[21] Ghalhekk it-telf li garrbu kien ta' €29,566.29.**

**Ghaldaqstant, *ai termini* tal-Artikolu 26(3)(c)(iv) tal-Kap. 555 tal-Ligijiet ta' Malta, l-Arbitru qed jordna lil *GlobalCapital Financial Management Limited* thallas lill-ilmentaturi s-somma ta' disa u ghoxrin elf, hames mija u sitta u sittin ewro u disa' u ghoxrin centezmu (€29,566.29).**

**Bl-imghax legali mid-data ta' din id-decizjoni sad-data tal-hlas effettiv.**

**L-ispejjez ta' dan il-kaz huma ghall-provditur tas-servizz.**

**Dr Reno Borg**
**Arbitru ghas-Servizzi Finanzjarji**

[19] Kap. 555, Art 19(3)(c)
[20] A Fol 35, 38.
[21] *Cheques* esebiti mill-provditur tas-servizz a fol 295-303